ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

**IL-ĦAMES SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*)** **L-Iskema tal-Marki**

| TAQSIMA A | MARKI | TWEĠIBA |
|---|---|---|
| 1 | 6 (3,1,1,1) | Għalkemm jagħmlu parti mill-kultura tas-soċjetà ġenerali, iż-żgħażagħ għandhom kultura għalihom. Din tvarja minn ta' żgħażagħ oħra u tingħaraf mill-mod ta' lbies, il-moda li jsegwu, l-imġiba, il-mużika li jisimgħu u interessi oħra. *Jagħtu tliet eżempji.* |
| 2 | 6 (2,2,2) | Nisimgħu b'diversi problemi li jiltaqgħu magħhom iż-żgħażagħ, pereżempju l-abbuż mid-droga, l-alkoħol, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, it-tqala mhux ippjanata, u sfruttament ta' xogħol u nuqqas ta' opportunità ta' xogħol. *Jagħtu tliet eżempji.* |
| 3 | 5 (3,2) | Titqies bħala devjanti għaliex tista' tkun differenti jew għax tmur kontra l-liġi. Pereżempju, meta ż-żgħażagħ jiżbgħu xagħarhom b'kulur partikolari għall-iskola jew meta dawn iwettqu atti ta' vandaliżmu. *Jagħtu żewġ eżempji.* |
| 4 | 4 (2,2) | Iż-żgħażagħ jistgħu jieħdu sehem f'attivitatijiet bħal sports, jingħaqdu ma' xi banda jew ma' xi għaqda b'mod volontarju u b'hekk iħossuhom utli u bżonnjużi. Jistgħu joħorġu biex jistrieħu u jieħdu gost. L-ewwel post ta' divertiment li jfittxu ħafna żgħażagħ huwa Paceville, bin-numru ta' diskoteki, ċinema, *bowling* u postijiet oħra. *Jagħtu żewġ eżempji.* |
| 5 | 4 (2,1,1) | Iż-żgħażagħ jistgħu jingħaqdu ma' xi għaqda b'mod volontarju biex jippromwovu l-paċi u l-kooperazzjoni fost il-membri tas-soċjetà, pereżempju fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ li jiġbor fi ħdanu l-għaqdiet taż-żgħażagħ kollha u joffri l-opportunità biex jiġu kkoordinati l-interessi nazzjonali taż-żgħażagħ Maltin. Għaqdiet oħra huma KDŻ, SKOP. *Jagħtu żewġ eżempji.* |
| **TOTAL** | **25** | |

| TAQSIMA B | MARKI | TWEĠIBA |
|---|---|---|
| 1 | 4 (2,2) | • **Żvilupp sostenibbli** huwa wieħed li joffri lil ġenerazzjonijiet futuri dinja aħjar milli sibna. Dan jista' jsir permezz tal-ħarsien ambjentali (kemm fiżiku kif ukoll soċjali). Isir użu għaqli tar-riżorsi naturali biex dawn ma jispiċċawx qabel il-waqt.<br>• **Żvilupp ambjentali**: żvilupp favur il-ħarsien tal-ambjent. Żieda fl-importanza li nagħtu lill-ambjent. Eżempji: bosta gvernijiet qed iżidu l-isforzi biex titjieb il-kwalità tal-arja u tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, il-ħarsien tal-ispeċi tal-annimali u l-inkonvenjent tal-kostruzzjoni, fost l-oħrajn. |

| TAQSIMA B | MARKI | TWEĠIBA |
|---|---|---|
| 2 | 6<br>(2,2,2) | **It-tibdil fil-klima**: tibdil fl-istatistika miġbura tat-temp f'perjodu ta' żmien. L-effetti negattivi huma: li t-temp qed jinbidel b'mod li tħossu mhux normali, għalhekk qed joħloq aktar riskji ta' għargħar, pereżempju fil-Pakistan. It-tibdil fil-klima qed iġib nuqqas ta' xita f'ċertu żoni u dan qed jaffettwa lill-bniedem u lill-ambjent. Problemi oħra relatati huma t-telf ta' ħamrija u n-nuqqas ta' ilma għax-xorb. L-istudenti jistgħu jirreferu wkoll għall-fatt li s-silġ polari qed idub b'rata allarmanti. *Jagħtu tliet eżempji.* |
| 3 | 6<br>(2,2,2) | **It-tniġġis tal-baħar:** meta fil-baħar jiġi mormi xi żejt, kimiċi, drenaġġ mhux ittrattat jew materjali oħra. Dawn jagħmlu ħsara lill-kwalità tal-ilma u lill-ħlejjaq kollha li jgħixu fih. Id-drenaġġ jista' jiġi ttrattat qabel ma jintrema fil-baħar; ma jintremewx kimiċi, żjut, fliexken u skart ieħor. *Jagħtu żewġ eżempji.* |
| 4 | 4<br>(2,2) | Il-miżuri li jistgħu jittieħdu huma dawn:<br>• Iħeġġu l-użu ta' sorsi alternattivi ta' enerġija u jagħtu inċentivi;<br>• Jintroduċu u jinfurzaw il-prinċipju li min iniġġes iħallas;<br>• Iħeġġu l-użu tat-trasport pubbliku sabiex jonqsu l-karozzi privati fit-toroq;<br>• Jinfurzaw miżuri relatati mat-tniġġis tal-ambjent.<br>*Jagħtu żewġ eżempji.* |
| 5 | 5<br>(1,1,1,1,1) | • Id-Dipartiment tal-Immaniġġjar Ambjentali - parti mill-MEPA<br>• Eko-skola<br>• Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ambjentali<br>• Il-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta<br>• Numru ta' NGOs bħalma huma Nature Trust, Flimkien għal Ambjent Aħjar, u oħrajn.<br>*Jagħtu ħames eżempji.* |
| **TOTAL** | **25** | |

| TAQSIMA C | MARKI | TWEĠIBA |
|---|---|---|
| **Il-25 marka għal kull tema jitqassmu kif ġejjin:**<br><br>**20-25:tajjeb ħafna**<br>**15-19: tajjeb**<br>**12-14: mhux ħażin**<br>**0-11: mhux tajjeb** | | |
| 1 | 25 | L-istudenti jiddiskutu dawn li ġejjin:<br>• Id-differenza fil-paga għall-istess xogħol<br>• Id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, pereżempju promozzjonijiet |

| | | |
|---|---|---|
| | | • In-nisa għandhom aktar ċans isibu xogħol fuq bażi *part-time* milli fuq bażi *full-time.*<br>• Hemm aktar ċans li ssib nisa f'pożizzjonijiet baxxi u mhux f'dawk ta' amministrazzjoni.<br>• Hemm aktar nisa li jaħdmu f'xogħol prekarju.<br>*Eżempji oħra validi għandhom jiġu aċċettati.* |
| 2 | 25 | • Is-**servizzi soċjali** jipprovdu għajnuna lill-persuni morda, b'diżabbiltà, li jsofru minn xi korriment fuq il-post tax-xogħol, foqra, dawk b'ġenitur wieħed, persuni qiegħda, jew li jgħixu f'akkommodazzjoni taħt il-livell aċċettabbli.<br>• Dawn is-servizzi soċjali jikkonsistu f'benefiċċji li jgħinu lil dawn il-persuni jintegraw ruħhom fis-soċjetà u jiġu ttrattati bħala ċittadini ndaqs.<br>• Il-gvern irid iżid id-dħul biex ikun jista' jipprovdi dawn il-benefiċċji u jkunu aktar sostenibbli.<br>• Biex ikun hemm aktar sens ta' ġustizzja soċjali, l-Istat jieħu mingħand min l-iktar li jista' jagħti u jqassam benefiċċji lill-persuni li jkunu l-aktar vulnerabbli. B'hekk tiġi garantita r-ridistribuzzjoni tal-ġid. |
| 3 | 25 | L-**inklużjoni soċjali** għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd barra mis-soċjetà; kulħadd għandu jiġi aċċettat. Nistgħu ninkluduhom billi noħolqulhom opportunitajiet bħall-Università tat-Tielet Età; il-possibbiltà li jkomplu jaħdmu wara li jilħqu l-età tal-irtirar; attivitajiet kulturali u soċjali; l-aċċessibbiltà f'postijiet pubbliċi u kummerċjali.<br>*Eżempji oħra validi għandhom jiġu aċċettati.* |
| 4 | 25 | It-tliet istituzzjonijiet huma a) l-istituzzjoni leġiżlattiva, b) dik amministrattiva/eżekuttiva u ċ) ġudizzjarja.<br>a) **l-istituzzjoni leġiżlattiva**: il-grupp fil-pajjiż li jkollu d-dritt li jagħmel u jibdel il-liġijiet (il-Parlament);<br>b) **l-istituzzjoni amministrattiva/eżekuttiva**: hija responsabbli milli tara li dawn il-liġijiet jitwettqu fil-prattika (iċ-Ċivil);<br>c) **l-istituzzjoni ġudizzjarja (il-Qorti)**: din tara li jkun hemm it-tħaddim tal-ġustizzja u l-ħarsien tal-liġi. |
| 5 | 25 | **L-istratifikazzjoni soċjali** f'pajjiżi demokratiċi tagħti lok għall-mobbiltà soċjali, jiġifieri għat-tlugħ jew l-inżul fil-klassijiet soċjali. Persuna tista' titla' fi klassi aħjar minn dik tal-familja tagħha, pereżempju jekk din tistudja u tikseb xi professjoni. Mill-banda l-oħra, persuna tista' tkun sinjura u tfalli, u għalhekk titlef l-istatus li jkollha. *Eżempji oħra ta' opportunitajiet għall-mobbiltà soċjali għandhom jiġu aċċettati.* |
| **TOTAL** | **50** | |

**Total tal-karta: 100 marka**